MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 687/2021 LM

**Bonsons Limited (C 9234)**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**
**u l-Perit Arkitett Catherine Galea**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2021, minn **Bonsons Limited (C 9234)**, (minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà rikorrenti'), fejn issottomettiet dan li ġej:

1. *Premess illi fit-12 ta' Mejju, 1998, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Bonsons Ltd vs Perit Arkitett Catherine Galea, proċeduri numru 984/1998/JRM, f'liema ġie mitlub is-segwenti:*

   *(i) issib, jekk meħtieġ billi taħtar esperti għal dan il-għan, li hemm difett serju fid-disinn li għamlet l-imħarrka għat-travi tal-*precast prestressed concrete *maħsuba li jitqiegħdu f'post mibni mill-istess kumpannija attriċi f'Tal-*

*Ħandaq, limiti ta' Ħal-Qormi, u dan billi tonqos fl-imsemmija travi s-saħħa meħtieġa biex jerfgħu t-toqol li għalih kienu magħmula, għal liema difett trid twieġeb l-istess imħarrka;*

*(ii) tillikwida, jekk meħtieġ bl-għajnuna tal-istess periti maħtura, id-danni kollha li l-kumpannija attriċi ġarrbet u għad trid iġġarrab minħabba n-nuqqas tal-imħarrka, magħduda n-nefqa li trid issir biex jitneħħa d-difett fl-imsemmija travi ħalli jsiru jifilħu għat-toqol meħtieġ, it-tnaqqis tal-valur tal-post mibni minħabba f'dan in-nuqqas, u t-telf ta' kera li hija sejra ġġarrab minħabba n-nuqqas ta' użu ta' ħwejjiġha sakemm jissewwa d-difett; u*

*(iii) tikkundanna lill-imħarrka tħallasha d-danni hekk likwidati.*

2. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Ottubru, 2012, il-Qorti in prim istanza ddeċidiet is-segwenti:*

"Tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-imħarrka għandha twieġeb għan-nuqqas li ħareġ fid-disinn minnha magħmul tat-travi tal-pjan terran tal-binja mtella' fis-sit numru 57 sa 60, Triq it-Tiġieġ, Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi, liema nuqqas jikkonsisti fil-fatt li l-imsemmija travi ma jifilħux jerfgħu l-piż tal-planki li tqiegħdu fuqhom u t-tagħbija li tista' titqiegħed fuq dawk il-planki;

Tilqa' t-tieni talba attriċi u ssib li d-dannu mġarrab mill-kumpannija attriċi jikkonsisti fin-nefqa li trid issir biex jitneħħa n-nuqqas fit-travi tas-sular imsemmi u dan billi tordna li jsiru x-xogħlijiet rimedjali fl-imsemmi sular kif propost mill-periti addizzjonali fir-relazzjoni mressqa minnhom u li dan ix-xogħol isir bi spejjeż għall-imħarrka;

Għall-finijiet tat-tieni talba, taħtar lill-Periti Arkitetti Anthony Cassar u Anthony Fenech Vella biex, taħt is-sorveljanza tagħhom, isiru x-xogħlijiet rimedjali msemmija;

Tastjeni milli tipprovdi dwar it-tielet talba attriċi billi l-kumpannija attriċi naqset li turi bi provi tajbin biżżejjed x'kienu d-danni l-oħrajn li tgħid li ġarrbet; u

Tordna li, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

3. *Illi mill-imsemmija sentenza sar kemm appell kif ukoll appell inċidentali;*

4. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar is-26 ta' Mejju, 2017 dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet is-segwenti:*

i. tirriformaha fejn laqgħet l-ewwel talba billi tgħid illi l-konvenuta għandha twieġeb biss għal żewġ ishma minn tlieta (2/3) tad-danni;

ii. tirriformaha f'dik il-parti dwar it-tieni talba fejn qalet illi "id-dannu mġarrab mill-kumpannija attriċi jikkonsisti fin-nefqa li trid issir biex jitneħħa n-nuqqas fit-travi" billi żżid tgħid illi d-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-konvenuta jikkonsistu wkoll f'żewġ ishma minn tlieta (2/3) tal-kera mitluf sakemm isiru x-xogħlijiet;

iii. tħassarha f'dik il-parti fejn laqgħet it-tieni talba billi ordna illi "jsiru xogħlijiet rimedjali fl-imsemmi sular kif propost mill-periti addizzjonali fir-relazzjoni mressqa minnhom u li dan ix-xogħol isir bi spejjeż għall-imħarrka" u tordna, minflok, illi x-xogħlijiet rimedjali jsiru billi jissaħħu t-travi kif indikat mill-Perit Alex Torpiano fir-rapport tiegħu mehmuż bħala dok. B fol. 9 sa 12 tal-proċess tal-ewwel qorti, b'dan illi l-attriċi tagħmel tajjeb għal żewġ ishma minn tlieta (2/3) mill-ispejjeż;

iv. tħassarha fejn astjeniet milli tipprovdi dwar it-tielet talba u, minflok, tordna illi, wara li jitlestew ix-xogħlijiet, l-atti fuq talba ta' min mill-partijiet ikollu interess jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex din tillikwida d-danni konsistenti (a) fl-ispejjeż sabiex ikun sar ix-xogħol rimedjali u (b) fit-telf ta' użu tal-fond wara li tqis i. kemm ikunu damu x-xogħlijiet u ii. jekk bix-xogħlijiet intilifx l-użu tas-sular kollu jew biss ta' dik il-parti fejn kien qiegħed isir xogħol fuq travu partikolari;

v. tħassarha fejn ordna illi x-xogħlijiet isiru taħt is-sorveljanza taż-żewġ periti addizzjonali, u sabiex ma jiżdidux għalxejn l-ispejjeż, tordna li x-xogħlijiet isiru taħt is-sorveljanza ta' perit arkitett wieħed biss li, fil-fehma tal-qorti, għandu jkun il-perit Alex Torpiano billi kien dan illi ppropona s-soluzzjoni li adottat din il-qorti. Il-perit għandu jissorvelja x-xogħlijiet u, meta jitlestew, joħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 39 ta' din is-sentenza; u

vi. tordna li l-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (1/3) tħallsu s-soċjetà attriċi u żewġ ishma minn tlieta (2/3) tħallashom il-konvenuta.

5. *Illi l-Qorti tal-Appell varjat is-sentenza b'dana illi appuntat lill-Perit Alex Torpiano bħala l-perit tekniku sabiex jissorvelja x-xogħlijiet u jiċċertifika l-istess;*

6. *Illi wara d-deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell, il-mittenti bagħtet diversi ittri lill-Perit Alex Torpiano sabiex jeżegwixxi l-inkarigu tiegħu iżda baqa' qatt ma sar xejn;*

7. *Illi s-soċjetà esponenti ftit tax-xhur ilu intavolat rikors bil-għan illi l-perit tekniku jiġi sostitwit bil-Perit Konrad Xuereb liema rikors ġie miċħud fid-9 ta' Marzu, 2021 u dana billi skont il-Qorti tal-Appell il-perit tekniku, wara raġunijiet mogħtija minnu fir-risposta għar-rikors, ma kienx espleta l-inkarigu minħabba malintiż;*

8. *Illi jiġi rilevat illi mill-għotja tad-digriet sal-intavolar ta' dan ir-rikors dan l-inkarigu baqa' ma ġiex espletat;*

9. *Illi sakemm jiġi espletat dan l-inkarigu s-soċjetà rikorrenti ma hijiex f'possibilità illi tevalwa dak riskontrat fir-raba' (iv) paragrafu tad-decide.*

10. *Illi għalhekk mhux biss is-soċjetà rikorrenti kellha tistenna madwar 4 snin sabiex tottjeni sentenza in prim istanza u aktar snin sakemm ġie mismugħ kemm l-appell kif ukoll l-appell inċidentali, talli wara l-għotja tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell fl-2017, għadha qed tistenna eżitu finali għall-vertenza;*

11. *Illi s-soċjetà esponenti għandha dritt għal ġudizzju mhux biss fi żmien raġjonevoli iżda wkoll għal rimedju effettiv, liema għadhom neqsin sal-ġurnata preżenti;*

12. *Illi għalhekk jirriżulta illi l-kawża msemmija damet, u għadha qed tieħu iżjed żmien raġonevoli biex tiġi deċiża mingħajr ebda ħtija tas-soċjetà rikorrenti, minkejja li għamlet dak kollu li huwa fl-almu tagħha sabiex tissolva l-problema, u għalhekk qed jiġu vjolati d-drittijiet tagħha kif protetti kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, jogħġobha:*

*1. Tiddikjara li bid-dewmien fil-proċeduri fuq imsemmija fl-ismijiet Bonsons Ltd vs Perit Arkitett Catherine Galea, proċeduri numru 984/1998 qed jiġu vjolati fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti d-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni;*

*2. Tagħti kull rimedju li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun għall-vjolazzjoni ta' dan id-dritt tagħha inkluż, taħtar periti kif ukoll tillikwida kumpens għall-vjolazzjoni soffert minnha b'konsegwenza ta' dan id-dewmien.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** (minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'), li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Novembru, 2021, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-rikorrenti trid tipprova sal-grad rikjest mil-Liġi d-dewmien li tillanja dwaru u li tali dewmien huwa tassew leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħha, kif tallega;*

2. *Illi sabiex kwalunkwe dewmien jitqies li huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tqis il-proċeduri in eżami fit-totalità tagħhom, u għandha tkun sodisfatta li l-kriterji dwar ir-raġonevolezza ta' kull dewmien japplikaw għall-każ de quo – ossia l-kwistjoni tal-kumplessità tal-kawża, il-kondotta tal-parti, il-kondotta tal-awtorità kompetenti, u l-importanza tas-*subjecta materiae *in disputa;*

3. *Illi din l-azzjoni hija intempestiva, in kwantu jirriżulta* ex admissis *li l-proċeduri ġudizzjarji li r-rikorrenti tillanja dwarhom għadhom għaddejjin, u ma hemm xejn li jostakola lir-rikorrenti milli jippreżentaw rikorsi u iżjed rikorsi sabiex il-Qorti tieħu azzjoni, anke jekk ir-rikors wieħed li tgħid li intavolat ġie miċħud. Ir-rikorrenti ma tistax tillanja li m'għandhiex rimedji effettivi għal-lanjanzi tagħha;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fuq il-kwistjoni ta' dewmien hemm xi tgħid dwar il-komportament tar-rikorrenti li effettivament uriet akkwijexxenza u nuqqas ta' attività fil-proċeduri in eżami – komportament li għandu ċertament jittieħed in konsiderazzjoni meta l-mertu odjern jiġi eżaminat, bħal per eżempju, kif ir-rikorrenti ma użufruwietx mid-dritt tagħha li titlob it-tibdil tal-Imħallef jekk rat li l-kawża kienet qed iddum biex tiġi deċiża, u kif l-istess rikorrenti damet 4 snin minn meta ġie deċiż l-appell qabel ma ħadet azzjoni;*

5. *Illi fir-rigward tat-tieni talba, mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk, għall-grazzja tal-argument, u għall-grazzja tal-argument biss, dina l-Onorabbli Qorti kellha tirriżultalha vjolazzjoni kif pretiż mir-rikorrenti, id-dikjarazzjoni li seħħet leżjoni fiha nnifisha għandha tikkostitwixxi* 'just satisfaction';

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, u f'każ li dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra l-likwidazzjoni ta' kumpens favur ir-rikorrenti, considerando li l-proċeduri in eżami jinkludu talba għad-danni fil-konfront tal-intimata Perit Catherine Galea, fl-aħjar ipotesi għar-rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tillikwida kumpens ta' natura morali biss.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat ir-Risposta tal-intimata **Perit Catherine Galea (K.I. 543852M)** (minn issa 'l quddiem 'l-intimata Perit Galea'), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Novembru, 2021, fejn eċċepiet:

(I) *Illi preliminarjament l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontradittturi u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*(II) Illi l-esponenti jsegwu l-liġijiet li jkun hemm viġenti fil-pajjiż u ma għandhom ebda funzjoni jew poter leġislattiv – għalhekk ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti ma tista' tiġi sostnuta fil-konfront tagħhom;*

*(III) Illi hija dejjem issokkombiet għall-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fil-kawżi msemmija bis-sentenzi tad-19 ta' Novembru, 1999; tal-5 ta' Ottubru, 2001; 23 ta' Ottubru, 2012 u 26 ta' Mejju, 2017, deċiżi mill-Qorti tal-Appell f'din il-kawża kif ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema sentenzi qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. CG1 sa CG3;*

*(IV) Illi huwa l-attur li dejjem appella u ddelunga l-proċeduri quddiem dawn il-Qrati kif jirriżulta mill-atti fuq referiti;*

*(V) In vista ta' dak suespost, ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti ma tista' tiġi avvanzata fil-konfront tal-esponenti;*

*(VI) Illi jkun utili illi l-atti proċesswali fuq imsemmija jiġu allegati ma' din il-kawża għall-proċediment;*

*(VII) Illi l-esponenti għalhekk ma għandha tbati xejn mill-ispejjeż ta' din il-kawża.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż l-atti tal-proċeduri bir-rikors numru 984/98, li ġew allegati mal-atti tal-proċeduri odjerni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

4. Flimkien mar-risposta tagħha, l-intimata l-Perit Catherine Galea ppreżentat kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru, 2001 fl-

ismijiet **Bonsons Limited *vs.* AIC Catherine Galea**[1], kopja tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Ottubru, 2012 fl-istess ismijiet[2], kif ukoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 2017 fl-istess ismijiet[3], liema sentenzi sar riferiment għalihom fir-rikors promotur li wassal għall-proċeduri odjerni.

5. Permezz ta' nota tat-12 ta' Jannar, 2022, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat l-*affidavit* ta' **Anthony Bonello**, direttur u azzjonist tas-soċjetà rikorrenti, kif ukoll kopja tal-korrispondenza bejn l-Avukat Peter Caruana Galizia u l-Perit Alex Torpiano.[4] Jirriżulta li fiż-żmien meta nbdew il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [minn issa 'il quddiem 'l-Ewwel Qorti'] bejn l-istess partijiet, l-Avukat Caruana Galizia kien qiegħed jippatroċinja lis-soċjetà rikorrenti, filwaqt li l-Perit Alex Torpiano bħala perit tekniku ġudizzjarju kien ħejja rapport dwar ix-xogħlijiet rimedjali li jridu jsiru fuq it-travi li jiffurmaw il-mertu tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-*affidavit* tiegħu Anthony Bonello[5] spjega li fit-12 ta' Mejju, 1998, is-soċjetà rikorrenti kienet fetħet kawża kontra l-Perit Catherine Galea dwar diversi xogħlijiet li hija kienet fasslet fir-rigward ta' binja f'Ħal Qormi, proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud spjega li wara diversi seduti li saru quddiem l-Ewwel Qorti, fl-24 ta' Jannar, 2008, l-isemmija Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza, u s-sentenza ngħatat erba' snin wara, jiġifieri fit-23 ta' Ottubru, 2012. Qal li in segwitu għal dik is-sentenza, kemm is-soċjetà rikorrenti kif ukoll il-Perit Catherine Galea appellaw mis-sentenza, din tal-aħħar permezz ta' appell inċidentali, u l-appell ġie finalment deċiż mill-Qorti tal-Appell wara madwar ħames snin oħra, jiġifieri fis-26 ta' Mejju, 2017. Ix-xhud qal li minn

[1] *A fol.* 12 tal-proċess.
[2] *A fol.* 27 tal-proċess.
[3] *A fol.* 43 tal-proċess.
[4] *A fol.* 68 tal-proċess.
[5] *A fol.* 69 tal-proċess.

dakinhar li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, kemm hu għan-nom tas-soċjetà rikorrenti, kif ukoll l-avukat difensur tiegħu, għamlu dak kollu li setgħu sabiex din il-vertenza tingħalaq darba għal dejjem. Ix-xhud qal li l-avukat difensur tiegħu kemm-il darba kkuntattja lill-Perit Alex Torpiano sabiex dak li ġie inkarigat jagħmel mill-Qorti, jiġi eżegwit mill-aktar fis. Ix-xhud qal li f'Mejju tal-2017 kien hemm komunikazzjoni mal-Perit Torpiano, bil-għan li ssir laqgħa u jintlaħaq ftehim dwar kif ser jiġi eżegwit l-inkarigu, u fil-31 ta' Jannar, 2018 l-partijiet kienu ltaqgħu flimkien mal-avukati difensuri tagħhom bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim. Ix-xhud qal li wara li saret din il-laqgħa, huwa ma sema' xejn aktar mingħand il-Perit Torpiano, u l-avukat difensur tiegħu minn żmien għal żmien kien jibgħat *emails* jew ittri sabiex jara xi progress kien sar fix-xogħol. Ix-xhud qal li meta l-Perit Torpiano kien iwieġeb għall-ittri tal-avukat tiegħu, dan kien dejjem jgħid li kien għadu għaddej bl-istudju u bix-xogħol qabel jeżegwixxi l-inkarigu. Qal li kien għalhekk li wara din il-korrispondenza ħadet ċertu żmien, is-soċjetà rikorrenti għamlet rikors quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex il-Perit Torpiano jitneħħa u minfloku jinħatar il-perit li ssuġġeriet is-soċjetà rikorrenti. Qal li minkejja li saret din it-talba, il-Qorti tal-Appell, permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Marzu, 2021, għażlet li tħalli lill-Perit Torpiano fl-inkarigu, u wara din id-deċiżjoni s-soċjetà rikorrenti ma semgħet xejn aktar mingħand il-Perit Torpiano. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti m'għandha l-ebda ħtija la għad-dewmien sabiex jingħataw is-sentenzi mill-Qrati, u lanqas għad-dewmien tal-Perit Tekniku maħtur mill-Qorti biex jingħata smigħ xieraq u rimedju effettiv u definittiv. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu huwa għamel dak kollu li seta' biex jinforza dak li ordnat il-Qorti tal-Appell, iżda huwa qiegħed jiġi mċaħħad milli jingħata rimedju u smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, bi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti.

6. Waqt l-udjenza tat-18 ta’ Frar, 2022, xehed l-**Avukat Peter Caruana Galizia**[6], li spjega li l-kawża bejn il-partijiet kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell, u kien ġie nnominat il-Perit Alex Torpiano biex jeżegwixxi l-inkarigu skont kif ġie ordnat fis-sentenza. Qal li wara li ngħatat is-sentenza saru diversi laqgħat mal-partijiet fil-preżenza tiegħu, kif ukoll kien hemm korrispondenza bejniethom, imma minkejja dan, il-Perit Torpiano baqa’ ma eżegwiex l-inkarigu li ngħata. Ix-xhud qal li meta baqa’ ma ġie rreġistrat l-ebda progress, huwa kien ingħata struzzjonijiet mill-klijent biex jagħmel talba sabiex jinbidel il-Perit Torpiano, u minfloku jinħatar xi ħadd li jkun jista’ jeżegwixxi l-imsemmi inkarigu. Ix-xhud qal li l-Qorti tal-Appell tat digriet fejn qalet li kien hemm malintiż bejn il-partijiet, u għalhekk ma kinitx sejra tibdel il-perit tekniku. Ix-xhud speċifika li l-problema tas-soċjetà rikorrenti kienet li l-Perit Torpiano baqa’ ma eżegwiex l-inkarigu li ngħata.

7. Waqt l-udjenza tat-23 ta’ Marzu, 2022, xehdet il-**Perit Catherine Galea**[7], li qalet li hija infurmata li l-Perit Torpiano kien ikkomunika mal-avukati tal-partijiet, u kien infurmahom li kien wasal biex ilesti r-rapport tiegħu, imma l-avukat tas-soċjetà rikorrenti kien informa lill-Perit Galea li kienu ser jagħmlu talba biex il-Perit Torpiano jiġi mibdul. Ix-xhud qalet li wara s-sentenza tal-2017, saru laqgħat bejn il-partijiet, u kien hemm qbil dwar x’kellu jsir. Ix-xhud qalet li fil-fehma tagħha l-Perit Torpiano huwa bniedem professjonali u qatt ma ħasset il-ħtieġa li tiġri warajh, għajr meta kienet tiltaqa’ miegħu f’okkażjonjiet soċjali u tistaqsih jekk kienx għamel xi ħaġa dwar din il-kwistjoni. L-intimata Perit Galea qalet li kienu esponenti tas-soċjetà rikorrenti li bl-atteġġjament tagħhom ikkontribwew għal dewmien fil-proċeduri, u min-naħa tagħha hija temmen li

[6] *A fol.* 81 tal-proċess.
[7] *A fol.* 89 tal-proċess.

kien ikun nuqqas ta' etika li hija tagħmel kuntatt mal-Perit Torpiano sabiex tara jekk dan qediex l-inkarigu li ġie mogħti.

8. Waqt l-udjenza tad-29 ta' April, 2022, xehdet **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali[8], li qalet li bejn l-2012 u 2017 kien hemm *backlogs* quddiem il-Qorti tal-Appell. Ix-xhud spjegat li fl-2009 kienet inħolqot sistema permezz ta' leġislazzjoni sussidjarja li biha ċerti kawżi fosthom kawżi ta' ritrattazzjoni, kawżi ta' spoll, kawżi tal-familja, u appelli minn digrieti jiġu *fast-tracked,* filwaqt li kawżi oħra kellhom jistennew biex jinstemgħu. Qalet li kien għalhekk li dak iż-żmien kien ġie deċiż li l-Qorti tal-Appell Superjuri jkollha kompożizzjoni oħra. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li lilha ma jirriżultalhiex li fil-proċeduri li kien hemm bejn il-partijiet rikors numru 984/1998, kien hemm xi talba biex jinbidel il-ġudikant li kien qiegħed jisma' dawk il-proċeduri.

9. Waqt l-udjenza tad-29 ta' April, 2022, xehed il-**Perit Alex Torpiano**[9], li spjega li huwa ilu jipprattika l-professjoni ta' perit għal ftit inqas minn ħamsin sena. Qal li huwa qatt ma ġie notifikat mill-Qorti bl-inkarigu li ngħata fil-kawża mertu ta' dawn il-proċeduri, u huwa kien irċieva ittra mingħand l-Avukat Caruana Galizia biex jattendi għal laqgħa f'Jannar tal-2018, u mal-ittra kien hemm annessa kopja tad-digriet tal-Qorti li kien jinkarigah jissorvelja x-xogħol ta' tiswija meħtieġa skont metodoloġija li ġiet imfassla minnu diversi snin qabel. Qal li f'dik il-laqgħa kienet ġie diskuss li l-metodoloġija kellha tiġi riveduta u aġġornata, u għalhekk kellha ssir stima tax-xogħol mill-ġdid, iżda huwa ma laħaqx għamel stima ta' dawn ix-xogħlijiet. Ix-xhud spjega li l-eżerċizzju li kien għamel fl-1998 kien jinvolvi disinn għat-tiswija ta' strutturi, li mhijiex xi biċċa xogħol li huwa jagħmel ta' kuljum, iżda imbagħad kien irreveda dan id-disinn

---

[8] *A fol.* 98 tal-proċess.
[9] *A fol.* 104 tal-proċess.

għaliex kien hemm tibdil fit-teknoloġija li setgħet tintuża meta beda jgħaddi ż-żmien. Qal ukoll li meta travu ma jkunx b'saħħtu biżżejjed, irid isir kalkolu dwar jekk tistax twaħħal miegħu elementi tal-ħadid jew elementi tal-*carbon fibre* sabiex tiżdied is-saħħa tat-travu. Qal li dan mhux kalkolu faċli, imma bħala inġinier huwa għamel dan diversi drabi. Qal ukoll li l-implimentazzjoni ta' disinn bħal dan mhijiex biċċa xogħol faċli. Qal li l-akbar diffikultà li kellu biex jeżegwixxi dan l-inkarigu kienet biex isib stima, għaliex l-istima għal dan ix-xogħol trid tinħadem minn kuntrattur. Qal li meta ħejja l-istima oriġinali fl-1998 huwa kien inkariga kuntrattur li kien ra x-xogħol, u kien ta stima għax-xogħol dak iż-żmien, imma din id-darba kien diffiċli li jerġa' jagħmel hekk għaliex ma kellux l-inkarigu li jqabbad kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol jew jagħti stima. Qal ukoll li l-kuntratturi għandhom diffikultà jagħtu stima minħabba li l-prezz tal-materjal qiegħed dejjem jogħla, xi drabi anki fi żmien qasir. Ix-xhud qal li f'Diċembru jew Jannar ta' qabel huwa kien informa lill-partijiet li d-disinn min-naħa tiegħu kien lest, iżda huwa kellu diffikultà jikkonkludi stima għaliex il-prezz tal-materjal kien qiegħed jinbidel spiss. Qal ukoll li huwa mhux kuntrattur u għalhekk għandu diffikultà jistabbilixxi l-valur tax-xogħol kemm għandu jkun. Ix-xhud qal li l-pass li jmiss huwa li jiġi inkarigat kuntrattur, u meta jkun hemm ftehim fuq stima, huwa jibda jissorvelja x-xogħol li jrid isir. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li huwa qatt ma spjega dawn id-diffikultajiet lill-Qorti, u qal li meta huwa ntalab jispjega lill-Qorti għal liema raġuni huwa kien għadu ma espletax l-inkarigu mogħti lilu, huwa kien spjega li l-Qorti tatu l-inkarigu li jissorvelja x-xogħol, imma l-partijiet qabbduh jagħmel stima tax-xogħol, li mhumiex l-istess ħaġa. Ix-xhud spjega li min-naħa tiegħu huwa jaf li ma eżegwiex l-ordni tal-Qorti, imma li l-ordni tal-Qorti nbidlet mill-partijiet. Qal li meta pprova jiċċara x'kien mistenni minnu mal-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti, dan kien infurmah li l-partijiet kienu ftiehmu li huwa kellu jagħmel

stima tax-xogħol. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu huwa ma informax lill-Qorti li ħadd ma kien qiegħed jagħmel ix-xogħol li kien ordnat li jsir.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

10. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Mejju, 1998, is-soċjetà rikorrenti kienet istitwiet proċeduri ġudizzjarji kontra l-intimata l-Perit Catherine Galea, fejn talbet li jiġi dikjarat li kien hemm difett serju f'disinn li ħejjiet l-imsemmija intimata ta' travi tal-*precast prestressed concrete* f'fond ġewwa Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi, proprjetà tas-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti allegat li dawn is-soqfa m'għandhomx is-saħħa biex jerfgħu t-toqol li kienu maħsuba għalih, u għalhekk talbet lill-Ewwel Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha, inkluż in-nefqa meħtieġa biex jissewwa d-difett fl-imsemmija soqfa, it-tnaqqis fil-valur tal-fond u d-danni sofferti minnha fil-forma ta' nuqqas ta' dħul mill-kera, u li l-intimata Catherine Galea tiġi kkundannat tħallas dawn id-danni. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti ngħatat fit-23 ta' Ottubru, 2012. Minn dik is-sentenza tal-Ewwel Qorti, appellaw kemm is-soċjetà rikorrenti, kif ukoll l-intimata l-Perit Catherine Galea, li ressqet appell inċidentali. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell minn dawn l-appelli ngħatat fis-26 ta' Mejju, 2017. Waħda mill-varjazzjonijiet għas-sentenza tal-Ewwel Qorti li ġiet ordnata mill-Qorti tal-Appell, kienet li x-xogħol rimedjali li kellu isir, għandu jsir taħt is-sorveljanza tal-Perit Torpiano, li kien il-Perit li ħejja r-rapporti għall-Qorti, u mhux taħt is-sorveljanza tal-periti addizzjonali li kienu ġew maħtura mill-Ewwel Qorti fuq talba tas-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li wara din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, kien hemm korrispondenza mal-Perit Torpiano sabiex dan jeżegwixxi l-inkarigu li ngħata, imma min-naħa tal-Perit Torpiano baqa' ma sar xejn. Kien għalhekk, spjegat is-soċjetà rikorrenti, li hija għamlet rikors quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex il-Perit Torpiano jiġi sostitwit,

iżda l-Qorti tal-Appell ma laqgħetx din it-talba tagħha. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li minkejja li għaddew aktar snin, il-Perit Torpiano baqa' ma espletax l - inkarigu mogħti lilu, u għalhekk minkejja li issa għaddew aktar snin anki mill-aħħar sentenza tal-Qorti tal-Appell fejn kien deċiż li x-xogħol kellu jsir taħt is-sorveljanza tal-Perit Torpiano, ir-rikorrenti għadhom qegħdin jistennew l-eżitu finali ta' din il-vertenza.

11. Is-soċjetà rikorrenti qegħda tinsisti li hija mhux biss għandha dritt għal ġudizzju fi żmien raġonevoli, imma anki għal ġudizzju li lilha jagħtiha rimedju effettiv, liema rimedju hija għadha mċaħħda minnu. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-iter proċesswali kif seħħ, u li wassal għal dawn il-proċeduri kostituzzjonali, huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'il-Kostituzzjoni'] u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il-Konvenzjoni Ewropea']. Permezz tat-talbiet tagħha lil din il-Qorti, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob li jiġi dikjarat li bid-dewmien fil-proċeduri fl-ismijiet **Bonsons Limited *vs.* Perit Catherine Galea (Rikors Numru 948/98)**, qiegħed jiġi vvjolat id-dritt fundamentali tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, liema dritt huwa protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll għal kull rimedju ieħor xieraq u opportun għall-vjolazzjoni sofferta minnha.

12. L-intimat Avukat tal-Istat wieġeb li s-soċjetà rikorrenti għandha ġġib prova sal-grad rikjest mil-liġi li kien hemm dewmien, u li dan id-dewmien huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħha. Eċċepixxa wkoll li din il-Qorti trid tqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom, in vista tal-komplessità tal-kawża, tal-kondotta tal-partijiet, tal-kondotta tal-awtorità kompetenti, u l-importanza tas-*subjecta materiae* in disputa. L-intimat Avukat tal-Istat kompla jgħid li din l-azzjoni hija

waħda intempestiva, u l-proċeduri li tillanja dwarhom is-soċjetà rikorrenti għadhom għaddejjin. Qal ukoll li ma kien hemm xejn x'iżomm lis-soċjetà rikorrenti milli tippreżenta iżjed rikorsi quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex ikun hemm sostituzzjoni tal-Perit Torpiano. L-intimat Avukat tal-Istat sostna li s-soċjetà rikorrenti uriet akwijexxenza u nuqqas ta' attività fil-proċeduri in eżami, u li hija damet erba' snin wara li ġie deċiż l-appell biex ħadet azzjoni quddiem l-inerzja li wera l-Perit Torpiano. L-intimat Avukat tal-Istat qal li fi kwalunkwe każ, għandu jkun suffiċjenti biex jiġu sodisfatti t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti li tiġi dikjarata leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, u in vista tal-fatt li għad hemm pendenti t-talba għal-likwidazzjoni tad-danni li jridu jitħallsu mill-intimata Perit Catherine Galea, f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li għandu jkun hemm ħlas ta' danni, dawn għandhom ikunu biss danni morali.

13. L-intimata Perit Galea wieġbet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalet li hija ssegwi l-liġijiet tal-pajjiż, u min-naħa tagħha hija m'għandha l-ebda funzjoni jew poter leġislattiv, u hija dejjem issokkombiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Żiedet tgħid li kienet is-soċjetà rikorrenti li dejjem iddelungat il-proċeduri, u għalhekk it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti m'għandhomx jiġu avvanzati fil-konfront tagħha. Finalment, l-intimata Perit Galea eċċepiet li hija m'għandhiex tbati spejjeż tal-proċeduri odjerni.

14. Qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u l-eċċezzjonijiet mressqa mill-intimati, din il-Qorti trid tagħmel diversi osservazzjonijiet dwar l-iter proċesswali ta' kif tmexxew il-proċeduri kemm quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tirrileva li kien fit-12 ta' Mejju, 1998 li s-soċjetà rikorrenti intavolat ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li l-intimata il-

Perit Catherine Galea ħejjiet disinji ta' għadd ta' travi tal-*precast prestressed concrete* maħsuba li jitqegħdu fil-post mibni mis-soċjetà rikorrenti f'Tal-Ħandaq, liema travi ma kinux jifilħu t-tagħbija li kienu maħsuba għaliha. L-intimata ppreżentat in-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha fit-12 ta' Ottubru, 1998, filwaqt li l-ewwel dehra quddiem l-Ewwel Qorti saret fid-19 ta' Jannar, 1999. Jirriżulta mill-atti li l-Qorti qatt ma ddefferiet il-proċeduri għal tul ta' żmien li mhux raġonevoli, u kienu nżammu l-udjenzi mill-Qorti b'mod regolari kull ftit xhur. L-Ewwel Qorti tat sentenza *in parte* fid-19 ta' Novembru, 1999, li minnha appellat is-soċjetà rikorrenti. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell minn dak l-appell ingħatat fil-5 ta' Ottubru, 2001, u sussegwentement l-Ewwel Qorti kompliet bil-ġbir tal-provi u bis-smigħ tax-xhieda b'mod regolari. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar, 2003, is-soċjetà rikorrenti talbet għal ħatra ta' periti addizzjonali, u saret ukoll eskussjoni tal-ewwel perit inkarigat mill-Qorti. Fil-25 ta' Frar, 2004, ingħata l-ewwel differiment għall-preżentata tar-rapport tal-periti addizzjonali, u kien hemm diversi differimenti li ngħataw għal dan l-iskop, sakemm fid-19 ta' Mejju, 2005, l-Ewwel Qorti ddekretat li jekk ir-rapport ma kienx ser jiġi ppreżentat sal-udjenza ta' wara, hija kienet ser tagħti provvediment dwar dan. Fl-1 ta' Diċembru, 2005, il-periti addizzjonali infurmaw lill-Qorti li l-parti teknika tar-rapport kienet lesta, imma r-rapport tagħhom kien għadu mhux ikkompletat. Mill-atti jirriżulta wkoll li fil-21 ta' Awwissu, 2007, ingħata digriet mill-Ewwel Qorti wara li s-soċjetà rikorrenti talbet żmien itwal għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-kawża tħalliet għas-sentenza fl-24 ta' Jannar, 2008, u s-sentenza tal-Prim'Awla ngħatat fit-23 ta' Ottubru, 2012, wara li kien hemm diversi differimenti għal dan l-iskop.

15. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat l-appell tagħha fis-7 ta' Novembru, 2012, filwaqt li r-risposti għall-appell u l-appell inċidentali ġew ippreżentati fid-29 ta' Novembru, 2012. L-appell ġie appuntat għas-smigħ fl-14 ta' Novembru, 2016, u

fl-ewwel appuntament ġie rilevat li iben wieħed mill-Imħallfin sedenti f'dik il-kompożizzjoni kien inkariga lill-appellata b'biċċa xogħol. Kien għalhekk li kien hemm differiment ieħor qabel instemgħet it-trattazzjoni fit-13 ta' Marzu, 2017, filwaqt li s-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell ingħatat fis-26 ta' Mejju, 2017.

16. Huwa minnu għalhekk li l-proċeduri ħadu dsatax-il sena bejn meta ġie ppreżentat ir-rikors promutur mis-soċjetà rikorrenti, sakemm ingħatat is-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell. Jirriżulta, kif ġie spjegat tajjeb fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjetà rikorrenti, li l-lanjanza tagħha li hija ma ngħatatx smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u ma ngħatatx rimedju effettiv, hija bbażata kemm fuq it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri qabel ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, kif ukoll fir-rigward tal-atteġġjament tal-Perit Alex Torpiano, li sa issa għadu ma eżegwiex l-inkarigu li ngħata mill-Qorti tal-Appell. Irid jiġi ppuntwalizzat ukoll, li anki wara li l-Perit Torpiano jeżegwixxi l-inkarigu tiegħu u jitlestew ix-xogħlijiet rimedjali fil-fond in kwistjoni, is-soċjetà rikorrenti għad trid tmur lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġu kkalkulati id-danni mix-xogħlijiet u t-telf tal-użu tal-proprjetà, u għalhekk anki wara li l-Perit Torpiano jeżegwixxi l-inkarigu mogħti lilu, il-proċeduri bejn il-partijiet ser idumu aktar biex jiġu fi tmiemhom. Il-Qorti tirrileva li minkejja li b'dan id-dewmien huwa evidenti li ħadd mill-partijiet m'huwa ser jibbenefika għaliex id-danni ser jibqgħu jakkumulaw, ċertament li dan id-dewmien qiegħed jippreġudika serjament l-interessi tas-soċjetà rikorrenti, li kważi ħamsa u għoxrin sena wara li ġarrbet danni fil-proprjetà tagħha, għadha mingħajr rimedju effettiv.

17. Qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu proprju tal-proċeduri odjerni, il-Qorti sejra tistħarreġ l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata Perit Catherine Galea, li tgħid li bħala ċittadin privat hija ma tistax tinstab ħatja ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' xi ħadd, u hija m'għandha l-ebda tort

għad-dewmien fil-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li minkejja li huwa evidenti l-interess tal-intimata Perit Galea fil-kawża in kwistjoni li ġiet intavolata mis-soċjetà rikorrenti, u minkejja li hija wkoll għandha interess li dawk il-proċeduri jitwasslu fi tmiemhom mill-aktar fis, madanakollu l-intimata Perit Galea la tista' tinstab ħatja li llediet il-jeddijiet fundamentali ta' xi ħadd, u lanqas ma tista' tintalab tagħti rimedju. Barra minn hekk jirriżulta bl-aktar mod ampju li l-lanjanza tas-soċjetà rikorrenti hija fir-rigward tad-dewmien ta' dsatax-il sena sabiex il-proċeduri mibdija minnha jiġu fi tmiemhom, kif ukoll fir-rigward tal-fatt li l-Perit Alex Torpiano baqa' ma espletax l-inkarigu mogħti lilu. Is-soċjetà rikorrenti m'hija timputa l-ebda ħtija fuq il-Perit Galea, la għad-dewmien li kien hemm sabiex ingħatat sentenza finali, u lanqas fir-rigward tal-fatt li l-Perit Alex Torpiano għadu ma espletax l-inkarigu tiegħu. L-intimata Perit Catherine Galea xehdet quddiem din il-Qorti li hija m'għandha l-ebda awtorità u responsabbilità sabiex tassigura li l-inkarigu tal-Qorti tal-Appell jiġi eżegwit. Din il-Qorti, wara li qieset l-iter proċesswali sakemm ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell, tikkonstata li l-intimata Perit Catherine Galea min-naħa tagħha ma talbet l-ebda differiment u m'għamlet l-ebda talba li minħabba fiha jista' jitqies li l-proċeduri twalu aktar milli kien meħtieġ. Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tikkonkludi li l-intimata Perit Catherine Galea mhijiex leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni, u għalhekk hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

18. Madanakollu l-Qorti sejra tagħmel riferiment għal uħud mis-sottomissjonijiet li saru mill-intimati, inkluż il-Perit Catherine Galea fir-rigward tal-attitudni tas-soċjetà rikorrenti u l-imġiba tagħha fil-proċeduri odjerni li ilhom għaddejjin snin twal bejn il-partijiet, partikolarment l-eċċezzjoni li tqajmet li kienet is-soċjetà rikorrenti li tat lok għad-dewmien inordnat fil-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li mill-atti ma jirriżultax li s-soċjetà rikorrenti talbet

għal differimenti bl-iskop li ttawwal il-proċeduri kapriċożament, imma hija dejjem aġixxiet fil-parametri ta' dak li parti f'kawża hija mistennija li tagħmel sabiex tassigura li ssir ġustizzja magħha, fost l-oħrajn billi talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali, u billi appellat minn sentenza parzjali ftit xhur wara li bdiet tinstema' l-kawża mill-Ewwel Qorti. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà rikorrenti għamlet talba waħda sabiex tingħata terminu itwal għall-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-Qorti mhijiex konvinta mis-sottomissjoni li saret mill-intimati li *volenti non fit iniuria,* u li b'xi mod is-soċjetà rikorrenti għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti minnha stess jew għad-dewmien fil-proċeduri. Veru li l-mertu tal-kawża bejn il-partijiet jippreżenta ċerta diffikultà, inkluż diffikultà teknika, kif wara kollox xehed u kkonferma l-Perit Alex Torpiano nnifsu quddiem din il-Qorti, imma barra minn hekk kien hemm erba' snin stennija bejn meta ntemmu l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u l-għoti tas-sentenza mill-istess Qorti. Din il-Qorti tosserva wkoll li wara tmien snin ta' proċeduri u smigħ ta' xhieda *viva voce* u l-preżentata ta' għadd ta' dokumenti u provi oħra dokumentarji, mhuwiex raġonevoli li wieħed jistenna li s-soċjetà rikorrenti titlob li jinbidel il-ġudikant, meta l-kawża bdiet titħalla għas-sentenza, differiment wara l-ieħor. Huwa ġustifikat li f'ċirkostanzi bħal dawn, li parti f'kawża tkun preokkupata li jekk is-sentenza ma tingħatax mill-ġudikant li jkun ilu jisma' l-provi għal bosta snin, u li jkun edott mill-fatti u miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tista' ma ssirx ġustizzja. Peress li l-mertu tal-każ huwa wieħed teknikament ikkumplikat, is-soċjetà rikorrenti kienet aktar u aktar ġustifikata li ma titlobx li jinbidel il-ġudikant meta l-kawża kienet ilha diversi snin mħollija għas-sentenza.

19. Il-Qorti tifhem ukoll il-problemi loġistiċi li jaffaċċjaw dawn il-Qrati, partikolarment il-Qorti tal-Appell, sabiex jisimgħu u jiddeċiedu l-ammont kbir ta' appelli li jiġu ppreżentati. Imma din il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha

li għall-parti f'kawża, dewmien ta' ħames snin biex jinstema' appell, jista' jitqies li mhuwiex raġonevoli. Huwa minnu li l-leġislatur ħaseb għal sistema ta' *triage* fejn ċerti kawżi quddiem il-Qorti tal-Appell jistgħu jinstemgħu qabel oħrajn, kif ukoll tfasslet sistema b'żewġ kompożizzjonijiet fil-Qorti tal-Appell sabiex kemm jista' jkun l-appelli jinstemgħu b'aktar speditezza, iżda evidentement f'dan il-każ dan ma kienx biżżejjed biex is-soċjetà rikorrenti tikseb sentenza fi żmien li jista' jitqies li huwa 'raġonevoli', aktar u aktar meta l-Qorti tal-Appell stess tat direzzjoni biex wara li jeżegwixxi l-inkarigu tiegħu l-Perit Alex Torpiano, l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex issir komputazzjoni tad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti. Hawn il-Qorti tfakkar fid-direzzjoni li tat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi fl-ismijiet **Vacaturo *v.* Italy**[10], u **G.H. *v.* Austria**[11], fejn ingħad illi:

> *"It is for contracting States to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time."*

20. Il-Qorti, filwaqt li tqis li kien hemm dewmien esaġerat biex il-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem il-Qorti tal-Appell inġiebu fi tmiemhom, madanakollu tibqa' mhux konvinta, u l-Qorti tgħid dan wara li kkonsidrat dak li xehed il-Perit Alex Torpiano quddiemha, li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex twieġeb għall-fatt li hija insistiet mal-istess Perit biex jipproduċi stimi tax-xogħol involut, meta dawn l-istimi ma kinux jiffurmaw parti mill-inkarigu mogħti lilu. Il-Perit Torpiano spjega x'inhuma d-diffikultajiet li għandu, partikolarment bil-fatt li fl-aħħar xhur iċ-ċirkostanzi internazzjonali wasslu għal żidiet fil-prezzijiet ta' ħafna mill-materja prima li tintuża fix-xogħol ta' kostruzzjoni, u għaldaqstant ħafna fornituri ta' servizzi f'pajjiżna u bosta

[10] 24.05.1991.
[11] 03.10.2000.

kuntratturi mhumiex jintrabtu dwar prezzijiet. Minkejja din ir-realtà, jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tinsisti fuq dawn l-istimi. Il-Qorti tirrileva li s-soċjetà rikorrenti setgħet tagħmel aktar sabiex tassigura li l-inkarigu li ngħata l-Perit Alex Torpiano jiġi espletat, u mhux spiċċat f'sitwazzjoni ta' 'staġnar ġudizzjarju', li issa ilha mwaħħla fih għal dawn l-aħħar ħames snin. Id-diffikultajiet prattiċi li hemm sabiex il-perit tekniku ġudizzjarju jespleta l-inkarigu mogħti lilu, għandhom jiġu ċċarati quddiem il-Qorti tal-Appell, li skużat il-fatt li baqa' ma sar xejn biex dan l-inkarigu jiġi eżegwit, billi qalet li l-perit tekniku ma kienx espleta l-inkarigu minħabba malintiż. Imma l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell m'għandha x'taqsam xejn mal-vera raġuni għalfejn il-Perit Torpiano għandu d-diffikultajiet tiegħu biex jespleta l-inkarigu mogħti lilu. Jekk jirriżulta daqstant diffiċli għall-Perit Torpiano biex jaqdi l-inkarigu fdat lilu, tagħmel tajjeb is-soċjetà rikorrenti li ġġib dawn id-diffikultajiet a konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell.

21. Għaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li qegħda tiddeċiedi li fil-każ odjern kien hemm dewmien esaġerat fil-proċeduri sakemm ingħatat deċiżjoni finali mill-Qorti tal-Appell, mhijiex daqstant konvinta li s-soċjetà rikorrenti għamlet dak kollu li huwa possibbli sabiex tassigura li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tkun eżegwita kif imiss. Il-Qorti tirrileva li minkejja li kemm is-soċjetà rikorrenti fit-talbiet tagħha, u anki l-intimat Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huma tal-fehma li għandha tkun din il-Qorti li bħala rimedju anki jekk parzjali, li tordna s-sostituzzjoni tal-Perit Tekniku li taħt is-sorveljanza tiegħu għandhom isiru x-xogħlijiet rimedjali, din il-Qorti f'dan l-istadju mhijiex disposta li tordna li l-Perit Torpiano jiġi sostitwit, partikolarment meta l-istess Perit ilu bosta snin jaħdem fuq il-każ, u kien hu li ppropona x-xogħol rimedjali meħtieġ kif għandu jsir.

22. Il-Qorti tqis li d-dewmien fil-proċeduri fl-ismijiet **Bonsons Limited *vs.* Perit Catherine Galea** (Rikors 948/98) wassal biex il-jedd fundamentali tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ġie miksur, għaliex kawża mibdija mis-soċjetà rikorrenti fl-1998 ħadet kważi għoxrin sena biex finalment ġiet determinata. Iżda din il-Qorti mhijiex konvinta li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu mogħti lill-Perit Torpiano, is-soċjetà rikorrenti ma setgħet tagħmel xejn iżjed dwaru, partikolarment wara li ġew spjegati d-diffikultajiet prattiċi li hemm biex dan l-inkarigu jkun jista' jiġi espletat.

23. Il-Qorti tirrileva li l-għoti ta' kumpens f'kawżi bħal dawn huwa wieħed fakoltattiv, in kwantu hemm ċirkostanzi fejn id-dikjarazzjoni li seħħet vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu waħedha ghandha titqies bħala rimedju suffiċjenti. Però hemm ukoll każijiet fejn il-Qorti tara li jkun xieraq li persuna li sofriet ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha, għandha tingħata xi forma ta' kumpens. Hawn tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited *vs.* Awtorità tal-Ippjanar**[12], fejn ingħad illi:

> *"Kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjetà in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."*

24. Il-Qorti tqis li s-soċjetà rikorrenti għandha tirċievi s-somma ta' ħamest elef u seba' mitt Euro (€5,700) bħala kumpens għad-danni morali sofferti minnha minħabba dewmien fil-proċeduri in kwistjoni. Barra minn hekk din il-

[12] 03.02.2009.

Qorti qegħda tissolleċità lis-soċjetà rikorrenti sabiex id-diffikultajiet prattiċi li ħabbat wiċċu magħhom l-Perit Torpiano jinġibu a konjizzjoni u jiġu ċċarati quddiem il-Qorti tal-Appell, sabiex f'każ li dik il-Qorti tara li jkun meħtieġ li jsir hekk, l-inkarigu mogħti lill-Perit Alex Torpiano jiġi definit mill-ġdid, u jiġu eliminati d-diffikultajiet prattiċi li qegħdin jimpedixxu l-eżekuzzjoni tal-inkarigu mogħti lilu.

__**Decide**__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Fl-ewwel lok tiddeċiedi li l-intimata l-Perit Catherine Galea mhijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u għalhekk hija għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;**
2. **Tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat li s-soċjetà rikorrenti setgħet tagħmel aktar sabiex tassigura li l-Perit Alex Torpiano jaqdi l-inkarigu li ngħata, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat;**
3. **Tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti limitatament safejn qegħda tiddeċiedi li l-proċeduri rikors numru 948/98 ħadu żmien twil wisq biex ġew fi tmiemhom, u dan bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

4. **Tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma ta' ħamest elef u seba' mitt Euro (€5,700) bħala kumpens għad-danni morali sofferti mis-soċjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-isemmi ksur.**

**L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**